**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Seduta Nru XXXXI**
**Illum 19 ta' April, 2001**

**Appell Nru 234/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Zahra talli: (**1**) nhar il-26 ta' Frar 2000, gewwa il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Sony a detriment ta' Joseph Camilleri u Joseph Busuttil, liema serq ma jeccedix il-mitt lira izda jeccedi l-hamsin lira u huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa; (**2**) talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu [jew] xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti; (**3**) talli nhar is-26 ta' Frar 2000, gewwa il-Floriana, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta sgassa u ghamel hsara fuq vettura TFD-328 a dannu ta' Joseph Camilleri u Joseph Busuttil miz-Zejtun, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira, imma teccedi il-hamsin lira; (**4**) l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tittratta mal-imputat li huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodici Kriminali b'sentenzi definittivi (***a***) tad-9 ta' Lulju 1992 tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kien instab hati ta' serq aggravat u bi hsara volontarja u gie kkundannat tlett snin prigunerija, (***b***) b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 1995 fejn kien instab hati ta' serq aggravat u gie kkundannat tlett snin prigunerija, (***c***) b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Novembru, 1996 fejn kien instab hati li kellu fil-pussess teighu d-droga eroina kontra l-ligi, (***d***) u b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Ottubru, 1999 fejn kien instab hati ta' serq u ricettazjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Ottubru, 2000, li peremzz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michael Zahra **mhux hati skond l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet**, u lliberatu minnhom, izda **sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni** (u cioe` dik ta' ricettazzjoni) u **skond ir-raba' imputazzjoni** (dik ta' recidiva) u kkundannatu ghal piena karcerarja [<u>recte</u>: ta' prigunerija] ta' **tletin (30) xahar**; dik il-qorti ordnat li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz <u>ma jigix</u>

imnaqqas miz-zmien li ghandu jiskonta l-habs bis-sentenza li kienet qed tinghata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Zahra, minnu ppresentat fl-1 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat f'dik il-parti fejn instab hati u konsegwentement jigi liberat ukoll mill-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li ma giex pruvat sodisfacentement, cioe` sal-grad li trid il-ligi f'kawzi penali, kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reat ta' ricettazzjoni fil-konfront tieghu. Jikkontendi l-appellant li ma giex provat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li hu (cioe` l-appellant) kien fil-pussess tal-i*stereo* misruq, kif ukoll li ma giex pruvat li hu jien jaf bil-provenjenza illecita ta' dak l-oggett. L-appellant jattakka in partikolari d-deposizzjoni ta' Simon Spiteri – li kien fuq il-post fejn instab l-oggett misruq – u jikkontendi li dan Spiteri kellu interess jixhed kif xehed peress li seta' kien hu (Spiteri) li seraq l-i*stereo*, mentri hu (l-appellant) harab minn fuq il-post peress li beza' kif appena sema' lil xi hadd jghid li dak l-i*stereo* kien tieghu.

Mill-kumpless tal-provi, u in partikolari mid-deposizzjoni ta' Joseph Busuttil (fol. 49 sa 51) u tax-xufier tal-linja Simon Spiteri (fol. 60 sa 61), jirrisulta sodisfacentement pruvat ghal din il-Qorti – bhalma certament kienet sodisfatta wkoll l-ewwel qorti – li l-appellant inqabad fil-fatt qieghed jipprova jbiegh l-i*stereo*, li kien ghadu kif insteraq ftit hin, possibilment sieghat, qabel mill-vettura ta' l-imsemmi Busuttil lill-istess Spiteri. Ma hemm xejn x'jindika li Spiteri kien b'xi mod involut fis-serqa ta' dana l-oggett jew fir-ricettazzjoni tieghu, la bhala awtur u anqas bhala komplici. Minkejja li l-appellant gie pozittivament identifikat kemm minn Busuttil kif ukoll minn Spiteri bhala l-persuna li kienet qed tipprova tbiegh l-i*stereo* hdejn il-venda tal-karozzi f'Putirjal fis-26 ta' Frar, 2000 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija, l-appellant, meta ddepona quddiem l-ewwel qorti (fol. 115 sa 116) qal li dakinhar hu kien il-Fgura u cahad li kien hu li pprova jbiegh l-oggett in kwistjoni. L-ewwel qorti, li semghet lix-xhieda jixdhu *viva voce* u li ghalhekk kienet f'posizzjoni ahjar minn din il-Qorti sabiex tivvaluta lil min temmen u x'temmen, setghet legittimanent ma temminx lill-appellant u temmen lill-imsemmija Busuttil u Spiteri. Kwantu ghax-xjenza dwar il-provenjenza illecita tal-apparat ta' l-i*stereo*, l-ewwel qorti wkoll setghet legalment u ragjonevolment tiddeduci tali x'xjenza fl-appellant, allura imputat, mill-fatt li l-i*stereo* in kwistjoni kien evidentement jidher mhux gdid u kellu marki li kien jindika li kien gie sfurzat minn postu (ara r-ritratti a fol. 28), mill-fatt li l-appellant kien qed igorru f'hobbu, kif ukoll mill-fatt li kif appena avvicina Busuttil u ghajjat li dak l-oggett kien tieghu, l-appellant harab jigri. Ghal dawn il-motivi l-appell odjern jimmerita li jigi michud.

Din il-Qorti, pero`, qed tissolleva *ex officio* il-kwistjoni tal-piena inflitta mill-ewwel qorti. Ghalkemm bhala regola din il-Qorti ghandha tillimita

ruhha ghall-aggravji kif sollevati mill-appellant fir-rikors tieghu, eccezzjonalment din il-Qorti, fl-interess tal-gustizzja, tista' tvarja l-piena inflitta anke jekk ma jkunx hemm aggravju specifiku dwar l-istess piena, specjalment meta, bhal f'dan il-kaz, jidher li l-ewwel qorti applikat piena <u>in eccess ta' dak li kien permess mill-ligi</u>. In fatti l-ewwel qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tletin xahar prigunerija wara li kkwotat, fost artikoli ohra, is-segwenti artikoli tal-Kodici Kriminali: 279(a) (li jipprovdi dwar il-piena ghar-reat ta' serq aggravat <u>bl-ammont li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira</u>); 281(a) (li jipprovdi dwar il-piena ghar-reat ta' serq aggravat <u>bix-xorta tal-haga misruqa</u>); u 289(1) (li jipprovdi ghall-piena fil-kaz ta' <u>recidiva f'serq</u>). Ebda wahda minn dawn id-disposizzjonijiet ma hi applikabbli ghall-kaz in ezami. Skond l-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-ricettazzjoni fil-kaz li l-haga ricettata tkun gejja minn serq, hi l-piena tas-serq <u>skond il-valur tal-haga</u>. F'dana l-kaz, il-valur ta' l-i*stereo* ma kienx jeccedi l-mitt lira (ara d-deposizzjoni ta' Alfred P. Camenzuli, fol. 95), b'mod ghalhekk li l-piena applikabbli kienet dik tas-serq semplici – Artikolu 285 – prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur. Anqas ma kien applikabbli l-Artikolu 289, peress li l-appellant instab hati, bis-sentenza appellata, mhux ta' serq izda ta' ricettazzjoni; kien applikabbli, invece, l-Artikolu 50 (dwar ir-recidiva ghad-delitti in generali), b'mod li l-piena tista' tizdied biss bi grad. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 31(1)(b)(xii)(xiii) tal-Kap. 9, <u>il-massimu tal-piena li setghet tinghata f'dan il-kaz kien ta' disa' xhur prigunerija</u>. Tenut kont tal-fedina penali altament refrattarja tal-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li din il-piena massima (ta' disa xhur prigunerija) ghandha tigi applikata.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tletin xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija (minghajr ebda tnaqqis taz-zmien ta' l-arrest preventiv); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur